MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 309/2007/1

**Joseph Buttigieg ID 86748 (M) u Carmel *sive* Lino Farrugia ID 786455 (M) fil-kwalita` taghhom ta' President u Segretarju rispettivament tal-Federazzjoni Nassaba Konservazzjonisti.**

**vs.**

**Mark Camilleri.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta' l-atturi Joseph Buttigieg ID 86748 (M) u Carmel *sive* Lino Farrugia ID 786455 (M) datat 9 ta' Frar 2009 a fol. 25 tal-process fejn esponew:-

Illi permezz ta' avviz ipprezentat fil-5 ta' Ottubru 2007 huma talbu lill-ewwel Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi *nomine* dik is-somma li tigi

stabbilita minn dik l-Onorabbli Qorti *a tenur* tal-**artikolu 28** u kif ukoll tal-**artikolu 29 tal-Att Dwar l-Istampa** (**Kapitolu 248**) u dan *previa* d-dikjarazzjoni li r-rapprezentazzjoni grafika u kif ukoll l-istqarrija *ossia* l-artikolu riportat fil-gazzetta ‘IR-REALTA' fil-harga numru 4 datata Mejju 2007 kienu foloz u malafamanti fil-konfront tal-atturi *nomine* b'mod li attribwewlhom fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur, ir-reputazzjoni u l-fama taghhom u li jesponuhom ghar-ridikolu u ghad-disprezz pubbliku. Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tal-avviz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzj oni.

Fir-risposta relattiva minnu pprezentata l-konvenut appellat eccepixxa illi preliminarjament l-atturi *nomine* ma ghandhom l-ebda interess guridiku sabiex jipproponu l-prezenti azzjoni; illi bla pregudizzju ghas-suespost l-artikolu u r-rapprezentazzjoni grafika *de quo* m’humiex libelluzi fil-konfront tal-atturi *nomine*; illi fl-artikolu, kif ukoll fil-grafika, hemm biss kummenti li jikkonsistu f’*fair comment* dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku u kritika accettabbli f’socjeta` demokratika kemm taht il-ligijiet tal-istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-libertajiet fundamentali tal-bniedem u illi minn imkien mill-artikolu u/jew mill-grafika ma johrog l-*animus* injurjandi rikjest mil-Ligi fil-konront tal-atturi fil-vesti rapprezentattivi taghhom;

Ghalkemm il-konvenut appellat inghata d-debita opportunita` skont il-ligi biex iressaq il-provi tieghu u biex jittratta l-kaz, dan baqa' inadempjenti minghajr la qatt ma ggustifika dan in-nuqqas jew inkella ntervjena b'xi mod.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Jannar 2009, it-talba attrici giet respinta *stante* illi intlaqghet l-ewwel eccezzjoni hekk sollevata u gie dikjarat illi azzjoni abbazi tal-**artikolu 28 tal-Att Dwar l-Istampa (Kapitolu 248)** tispetta unikament lill-persuna individwali offiza u mhux lill-enti guridiku.

Illi l-esponenti *nomine* jhossu ruhhom aggravati b'din is-sentenza u permezz tal-prezenti qeghdin ghalhekk jinterponu minnha l-umli appell taghhom.

Illi l-fatti li taw lok ghal kaz odjern fil-qosor huma illi l-atturi appellanti, li huma l-ufficjali li skont l-istatut relattiv tal-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti jirrapprezentaw lill-istess Federazzjoni hassew illi l-grafika u l-artikolu *de quo* miktub mill-konvenut appellat u li jaghmel referenza espressa ghall-istess Federazzjoni, kien falz u malafamanti fil-konfront tal-istess;

Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

**L-INTERESS GURIDIKU TAL-FEDERAZZJONI KACCATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI**

Illi fl-ewwel eccezjoni riportata fir-risposta guramentata tal-konvenut appellat, huwa jeccepixxi *in via* preliminari illi *'l-atturi ma ghandhom l-ebda interess guridiku sabiex jipproponu l-prezenti azzjoni'*.

**A: *Ratio Decidendi*.**

Jirrizulta illi l-Prim'Istanza waslet ghad-decizjoni ghaliex qieset espressament zewg pronunzjamenti minnha citati b'dan il-mod:-

*Illi din il-qorti taghmel referenza ghad-decizjonijiet "**Agricultural Cooperative Limited vs Peter Axisa**", datata t-28 ta' Frar tas-sena 2005, fejn gie ritenut is-segwenti:*

*i. Illi skont l-**artikolu 2 tal-Kap 248** il-kelma "persuna" hi deftnita b'dan il-mod:*

*"...tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita' guridka distinta sew jekk le";*

*ii. Illi fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Pulizija vs Dr. J. Brincat et** tal-5 ta' Ottubru tal-1992, gie ritenut illi:*

*"...l-espressjoni tal-prijorita' tal-protezzjoni tal-interess hu dritt privat li jispetta biss lil dawk il-persuni privati in kwantu tali huma protetti"*

*-omissis-*

*Illi s-suespost jinkwadra mal-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut".*

Illi ghar-rigward tal-premess, l-esponenti umilment jissottomettu s-segwenti :-

<u>Ir-referenza partikolari citata</u> mis-sentenza "**Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa**" hija bir-rispett citazzjoni illi fil-fatt taghti minnha nnifisha ragun lit-tezi attrici.

Jinghad pero' qabel xejn, u ghal fini ta' korrettezza, illi l-kumplament ta' din is-sentenza partikolari pero', hija kuntrarja ghat-tezi attrici in kwantu l-Onor. Qorti tal-Magistrati hemm irriteniet illi *“...l-malafama u l-ingurja huma emozzjonijiet partikolari ghall-bniedem u ma jistghux jafettwaw negattivament xi haga astratta bhal ma hija gvern, kunsill lokalijew socjeta`".*

Dwar dan jigi umilment sottomess illi sabiex wiehed jigi biex jezamina ghal min hija miftuha azzjoni bhal dik intentata prezenzjalment mill-atturi appellanti, taht il-**Kap. 248** tal-Ligijiet ta' Malta, wiehed ghandu qabel xejn, jaghmel referenza ghall-ligi nnifisha.

Taht is-sotto-titolu "Tifsira", l-**artikolu 2 tal-Kap. 248** jghid testwalment illi:-

*"il-kelma "persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta sew jekk le;"*

It-test tal-Ligi ghalhekk huwa car, dirett u inekwivoku u ma jhallix effettivament lok ta' interpretazzjoni - partikolarment interpretazzjoni tali illi tirrestringi jew addirittura tinnega

dritt ta' azzjoni fejn dan huwa espressament permess mill-Ligi innifisha.

Tenut kont tal-principju illi *ubi lex voluit, lex dixit* ghalhekk, sakemm xi artikolu jew iehor tal-istess Ligi ma jirrestringix tali dritt ta' azzjoni - liema restrizzjoni ma ghandiex tkun xi haga implikata izda haga espressa - allura kull fejn l-istess **Kap. 248** jaghmel referenza ghal "persuna" allura din ir-referenza ghandha certament tinftiehem li "tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta sew jekk le".

L-istess sentenza "**Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa**" (li fuqha jidher illi strahet interament il-Prim'Istanza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi) tghid illi:-

*"L-iskop tal-ligi huwa illi tipprotegi l-unur u l-fama tal-individwu li ghandu d-dritt ikun protett minn abbuzi jew minn min ikun irid iwaqqaghlu giehu f'ghajnejn in-nies"*

Jekk dik il-Qorti kienet korretta fl-apprezzament taghha (apprezzament illi fil-verita' huwa apprezzament korrett) dwar l-iskop tal-Ligi, allura ma kinetx certament korretta illi tissepara bil-mod li ghamlet, dan l-iskop fundemantali tal-**Kap. 248** minn mat-tifsira cara li l-istess **Kap. 248** jaghti meta jiddikjara ghal liema "persuni" qieghda issir referenza fil-korp tal-istess Ligi.

F'dan il-kuntest, anke ir-referenzi varji maghmula a fol 6 u 7 tas-sentenza llum appellata, jinhtieg li jigu soggettati ghal tali interpretazzjoni espressa tal-Ligi.

F'kull kwotazzjoni, il-Prim Istanza (ezatt kif ghamlet il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza **Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa**) semplicement tat risalt (b'enfasi jew sottolinear) ghal kliem "*persuna*" jew "*person*" u ipprezumiet illi dawn il-kliem jirreferu biss u b'mod esklussiv ghal persuni fizici, minghajr ma ghamlet il-minimu accenn ghall-interpretazzjoni tal-istess kelma "persuna" li l-**Kap. 248** jaghti espressament.

Fl-ebda wahda mill-kwotazzjonijiet hekk minnha riportati, ma tirrizulta xi decizjoni jew kumment jew insenjament dwar l-inapplikabbilta' tad-dritt ta' azzjoni relattiva ghal entitajiet morali.

Jinghad ukoll ghal fini ta' kompletezza, illi t-tifsira moghtija mill-**Kap. 248** hija wkoll konformi mal-provediment tal-**artikolu 4 (d) tal-Kap. 249 (Att dwar l-Interpretazzioni)** li jghid illi:- "l-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew ghaqda ohra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-ghaqda jkunu persuna guridika, skont id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, sew jekk le."

Ir-referenza mbaghad ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Pulizija vs Dr. J. Brincat et**" tal-5 ta' Ottubru tal-1992 hija, bl-akbar rispett, mhux cara in kwantu la l-meritu u l-anqas il-procedura ta' dak il-kaz ma huma relevanti ghal-meritu u l-procedura tal-kawza odjerna.

Is-sentenza "**Pulizija vs Dr. J. Brincat et**" inghatat fil-kuntest ta' proceduri penali mehudha mill-Pulizija fuq il-gustifikazzjoni tal-protezzjoni tal-interess pubbliku, *ex officio* u mhux fuq il-kwerela tal-parti leza. Il-fatti speci tal-kawza odjerna, ma ghandhom bl-akbar rispett x'jaqsmu xejn ma' dik il-kawza u mas-sentenza fiha moghtija. Dan ukoll, meta wiehed iqis illi r-referenza ghas-sentenza "**Pulizija vs Dr. J. Brincat et**" kienet maghmula b'tali mod li tikkostitwixxi parti integrali mir-*ratio decidendi*, huwa materja ta' aggravju fl-istanza prezenti.

Ghandu jinghad ukoll, u wkoll bir-rispett, illi l-parti ta' din is-sentenza li giet kwotata a fol. 5 tas-sentenza llum appellata, giet hekk kwotata kemmxejn *fuori contesto*.

Il-paragrafu relattiv kollu tas-sentenza "**Pulizija vs Dr. J. Brincat et**" jghid testwalment:-

*"L-intromissjoni tal-Pulizija fil-liberta' ta' espressjoni, f'dan il-kaz, ghalhekk mhux diretta biex tilhaq xi wiehed mill-iskopijiet legittimi ta' natura publika, li jsemmu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Meta l-iskop ikun ta' natura*

*privata, allura biex dan ikun legittimu u legittimament ezercitata, ikun jinhtieg b'mod car u inekwivokament, l-espressjoni tal-prijorita` tal-protezzjoni tal-interess u d-dritt privat, li jispettaw biss lil dawk il-persuni privati, u in kwanu tali huma protetti. (din hija l-parti kkwotata fis-sentenza llum appellata).Liema protezzjoni hija skalata superjorment, mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni.*

*(c) Dak li ghadu kif intqal, naturalment, isib l-alimentazzjoni ulterjuri tieghu, fit-tielet element ta' kontroll. Dan ghaliex, huwa f'socjeta demokratika, li dik id-distinzjoni bejn l-aspett "pubbliku" u l-aspett "privat" tal-azzjoni kriminali, - (li fis-sistema taghna, hija essenzjalment "pubblika") - ghandha sens sostanzjali - b'mod li ghandha tipprevali fuq kull intendiment iehor formali, sia pure "legali", imma li mhux dritt u gust, skont il-kritierji tad-dritt u gustizzja li, nonostante ic-cecita' tal-bniedem, matul is-sekli - bil-mod il-mod, u forsi anki impercettibbilment, ikomplu javvanzaw. L-azzjoni kif ezercitat mill-Pulizija – kif diga` ntqal fil-paragrafu 9 supra - mhix necessarja f'socjeta` demokratika, u ghalhekk jolqotha dan it-tielet element ta' kontroll stabbilit mill-Qorti Ewropea;"*

Dil-kwotazzjoni fuq riportata, taghti il-kuntest ezatt li fih insibu inkluza l-parti mill-frazi li giet ikkwotata fis-Sentenza appellata odjerna u tixhed ukoll, bir-rispett, l-inapplikabbilta' u n-nuqqas ta' rilevanza ghal-fattispeci u kif ukoll ghal kull kunsiderazzjoni guridika tal-kaz odjern.

**B: Dritt ta' azzjoni ta' libel ta' enti b'personalita' guridika.**

Ir-ragunament moghti mill-Qorti tal-Magistrati ghac-cahda tat-talbiet attrici f'din il-kawza huwa illi l-atturi appellanti fil-vesti rapprezentattiva taghhom, ma kellhornx interess guridiku illi jipprezentaw l-azzjoni odjerna, *stante "illi ghandu jkun pacifiku li l-malafama in dizamina tirrigwarda dik l-isfera emozzjonali partikolari tal-bniedem li ex ipotesi, ma tistax taffettwa bl-ebda mod entita' priva minn tali emozzjoni bhal ma hi l-Federazzjoni de quo".*

Rigward dan, l-esponenti jirrilevaw umilment illi:-

Kif fuq inghad, l-interpretazzjoni tal-kelma "persuna" moghtija mil-Ligi hija cara u inekwivoka u imkien ma taghmel xi distinzjoni derivata minn jew bazata fuq kunsiderazzjonijiet ta' emozzjoni jew kapacita' ta' emozzjoni.

Hu sinifikattiv il-fatt illi din id-definizzjoni ta' "persuna" kienet iddahhlet fl-Att XL tal-1974 mentri ma kienx hemm definizzjoni simili fl-Ordinanza dwar l-Istampa, dwar Stampat u dwar Xandir tal-1933.

Ugwalment sinifikattiv hu l-fatt illi, fi zmien meta (qabel il-promulgazzjoni tal-Att XL tal-1974), l-Ordinanza tal-1933 ma kinetx taghti interpretazzjoni hekk cara, il-Qrati taghna kienu gja intervjenew b'mod awtorevoli propju biex jipprotegu d-dritt ta' azzjoni ta' entitajiet morali.

Fis-Sentenza moghtija mill-Onor. Prim'Awla tal-Qorti Civili **Brandon Elton Goodwin pro et noe vs Anthony Bartolo pro et noe et** (dec. 17 ta' Jannar 1938) kien inghad illi:-

*"By Art. 31 of the Press Law, 1933, general damages for defamation can only be recovered when its object is to destroy or lessen the reputation of "any person", and therefore, the provision of that article is not applicable to libels on the reputation of a newspaper.*

*By Art. 32 of those same laws, general damages in the case of business concerns or other property are recoverable only in the case of divulgation of false news likely to damage any business concern or other property."*

Fl-istess kawza, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija minnha fil-31 ta' Ottubru 1938, (Vol. XXX.I.217) filwaqt illi ikkonfermat din is-sentenza fid-*decide* taghha, irregistrat sinifikattivament in-nuqqas ta' qbil taghha ghal din l-interpretazzjoni maghmula in Prim’ Istanza. Il-Qorti tal-Appell f’dan il-kuntest irriteniet illi:-

*“The provisions of article 31 of the Press Law 1933 (illum **Art. 28 tal-Kap. 248** - zieda tal-esponenti), are applicable not only to individual persons but also to moral bodies or institutions. The term 'person' therein referred to does not generally speaking, and unless the wider sense is incompatible with the contents of the provision of the Law in which it is used, mean only 'individual person', but may also designate collective bodies, companies or institutions."*

Dan l-insenjament gurisprudenzjali jsib konferma ulterjuri u aktar cara, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Hon. Mabel Strickland vs J.J. Scorey** (17 ta' Ottubru 1949 - Vol. XXX.III.IV.941), fejn jinghad illi:-

*"Bodies of persons having a corporate personality may sue in respect of any injury caused by a defamation to their corporate or collective reputation; and the individuals composing any such body or persons may jointly maintain such an action. Moreover, if the defamation causes an injury to the individuals concerned as natural persons, **apart from and independently of their corporate or collective interest then they are entitled to sue also personally, either in the same or in a separate action"*** (enfasi tal-esponenti).

F'sentenza ohra, **Thomas W. Hedley pro et noe vs Emanuel C. Tabone M.L.A. et** tat-30 ta' Mejju 1953, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat illi:-

*"Korp morali jista' jaghmel kawza ta' libel ghal offizi fir-reputazzjoni tieghu; sintendi illi il-korp morali ma jistax "ex natura rerum" jagixxi ghal certi imputazzjonijiet li jista' jagixxi ghalihom individiwu."*

Fis-sentenza minnha moghtija fl-ismijiet **Victor Denaro noe vs Avukat Dottor Anton Buttigieg noe.** (30 ta' Mejju 1963), il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, instabet htija meta gie ritenut illi:-

*"...Kif inghad aktar 'il fuq, l-artikolu in kwistjoni huwa libelluz, ghaliex **jilledi l-unur u l-fama tad-<u>ditta attrici</u>, u***

***jesponiha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku****..." (enfasi tal-esponenti).*

Jigi sottolineat il-fatt illi dawn is-sentenzi kollha gew moghtija taht l-ambitu tal-Ordinanza tal-1933, meta din l-anqas biss ma kienet tipprovdi ghat-tifsira tal-kelma "persuna". Dan juri b'mod enfatiku, kemm din l-interpretazzjoni guridprudenzjali kienet ritenuta tant essenzjali illi l-Qrati taghna applikawha anke in assenza ta' provediment specifiku legislattiv.

Huwa f'dan il-kuntest ghalhekk illi wiehed ghandu jqis l-inkluzjoni sussegwenti ta' tali tifsira cara, fl-Att XL tal-1974 bhala tifsira intenzjonalment voluta u intenjonata tal-Legislatur.

Issir umili referenza wkoll ghas-segwenti:-

**Carmel Tonna et noe vs Felix Agius et** (Qorti tal-Appell - 27 ta' Mejju 1992):-

*"Issa dawn l-allegazzjonijiet li sarulha fil-gazzetta qeghdin jaghmlu hsara lid-D.S.E.S.U. (Ghaqda (Union) Ufficjali Anzjani tat-Tarzna - spjega tal-esponenti). Infatti dawn qeghdin iservu biex igibuha quddiem il-pubbliku u specjalment quddiem dik is-sezzjoni tal-pubbliku li minnha hi trid takkwista membri godda - bhal li qieghda turi wicc b'iehor billi waqt li fl-istatut taghha hija qieghda tiddikjara li hi indipendenti mill-politika fil-prattika hija rabtet il-karru taghha mal-partit Nazzjonalista u saret ramifikazzjoni tieghu*. ***Dan certament qieghed inaqqsilha gieha mal-pubbliku kif ukoll il-kredibbilta' taghha***." (enfasi tal-esponenti).

F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell kienet imbaghad irrinvijat l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, sabiex din tillikwida d-danni.

Hu sinifikattiv f'dan il-kuntest, dak li irriteniet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili meta fis-sentenza minnha moghtija fit-23 ta' Marzu 1993 (fl-istess kawza) qalet illi:-

*"Hi x'inhi l-fehma ta' din il-Qorti, kif ippreseduta, fuq il-kontenut u l-portata tal-artikolu, hi necessarjament trid taccetta l-premess li hu issa b'dik is-sentenza deciz, illi l-artikolu huwa malafamanti fil-konfront tal-attur nomine u f'dan l-isfond tiddetermina x'danni ghandhom jigu likwidati favur taghhom, a tenur tal-Ligi dwar l-istampa.* ***Dawn id-danni m'ghandhomx jigu likwidati "in vacua", imma ghandhom jigu relatati mal-hsara li l-kitba ingurjuza setghet potenzjalment tikkrea lill-libellati u/jew li tkun attwalment ikkagunatilhom danni li mhux necessarjament ikunu materjali u reali, imma jistghu jkunu wkoll ta' indole morali u astratta, in kwantu jolqtu l-unur u l-fama****".* (enfasi tal-esponenti).

**Onor. Dr. Eddie Fenech Adami et vs Malta Labour Party et** (Prim'Awla tal-Qorti Civili - 11 ta' Mejju 2004):-

*"It-tieni artikolu tal-Att dwar l-Istampa, fit-tifisriet tal-kliem, jghid il-kelma "persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita' guridika distinta sew jekk le, il-Ligi ghalhekk tolqot mhux biss persuni fizici izda wkoll persuni morali bhal ma hu l-eccipjent"*

Jigi umilment sottomess illi *sia* d-dispost espress tal-**Kap. 248** u *sia* wkoll l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni gurisprudenzjali, huma tali illi effettivament jirrikonoxxu l-fatt illi entita' morali tista' tkun offiza fl-unur, ir-reputazzjoni u l-fama taghha u tigi konsegwentement esposta ghar-ridikolu u ghad-disprezz pubbliku. Dan il-fatt imbaghad jaghti dritt ta' azzjoni lil tali entita', liema dritt huwa separat u distint minn kull dritt li jista' separatament jappartjeni lill-membri singoli tal-istess entita'.

Dan huwa fih innifsu wkoll rikonoxximent tal-fatt illi in effetti kull azzjoni malafamanti fil-konfront ta' entita' bhal ma hi l-Federazzjoni rapprezentata mill-atturi appellanti, tikkostitwixxi malafama fil-konfront tal-kollettivita' tal-membri attwali tal-istess - u dan separatament minn kwalsiasi malafama rekata lill-membri b'mod individwali.

Fil-kollettiv taghhom espress esternament f'affiljazzjoni u shubija ma' federazzjoni simili, il-membri kollha qeghdin

jesprimu pubblikament appartenenza ghal entita` kollettiva li tirrapprezenta dak li hu mportanti ghalihom u tirrapprezentahom kollettivament. Dan il-kollettiv - premess li jkun strutturat bhala entita' b'personalita' guridika - jesizti u jagixxi separatament mill-membri individwali li jikkomponuh u li jappartjenu ghalih.

Ghalhekk, tista' issir malafama lill-kollettiv li hi distinta mill-malafama lis-singoli li jifformaw tali kollettiv.

Jigi precizat f'dan il-kuntest illi lil hinn mill-eccezzjoni generika ta' nuqqas ta' interess guridiku, il-konvenut appellat, ma gab ebda prova u ma ghamel ebda sottomissjoni li jistghu b'xi mod jindikaw abbazi ta' liema fatti jew kunsiderazzjonijiet kien qieghed iressaq jew jiggustifika tali eccezzjoni.

Fil-fatt, jidher illi anke l-Prim'Istanza ghaddiet ghas-sentenza taghha wara liipprezumiet x'seta' kellu f'mohhu l-konvenut appellat.

Jigi pero' hawn umilment espost illi, filwaqt illi ma ngiebet ebda prova da parti tal-konvenut appellat li b'xi mod tattakka jew titfa' dubju fuq il-kostitwenza tal-Federazzjoni *de quo* bhala aventi personalita' guridika, jinghad illi l-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti hija kostitwita permezz ta' Statut relattiv; hija registrata bhala Non-Goverbmental Organistaion (NGO) u hija membru ta' l-Association tal-NGOs; hija wholl rikonoxxuta formalment mill-Gvern tant li bhala Federazzjoni tappunta skont il-ligi anke rapprezentanti fuq l-Ornis Committee kostitwit skont il-ligi.

**<u>B; IL-MERITU TAL-KAWZA.</u>**

Jigi rilevat illi meta l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet ghall-stadju tal-produzzjoni tal-provi, dawn ma kienux limitati ghal provi dwar l-ewwel eccezzjoni jew dwar xi eccezzjonijiet partikolari, izda ghal-provi in generali.

Fil-fatt, l-atturi appellanti ipproducew il-provi taghhom fuq il-meritu tal-kawza, u dan senjatament bix-xhieda ta' Carmel *sive* Lino Farrugia u ta' Joseph Buttigieg.

Il-konvenut appellat, minkejja li, kif ipprecizat is-Sentenza appellata, "...inghata d-debita opportunita' skont l-Ligi biex iressaq il-provi tieghu u biex iressaq il-kaz kif jidhirlu", naqas milli jiproduci ebda prova in meritu u in sostenn tal-eccezzjonijiet minnu sollevati.

Mill-provi mressqa mill-atturi appellanti u anke min qari tal-artikolu *de quo* u minn vizjoni u kunsiderazzjoni tal-grafika riportati u annessi mal-Avviz relattiv, ghandu jirrizulta pacifiku illi l-konvenut appellat ghamel referenza specifika u inekwivoka ghall-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazzjonisti.

Jigi ammess illi huwa lecitu illi minn hu kontra l-kacca jew ghandu opinjoni kuntrarja ghall-ezercizzju tad-delizzju in kwistjoni ghandu d-dritt li jikteb u jitkellem kontra l-kacca, bhal ma hu lecitu illi jitkellem u jikteb kontra l-kacca illegali.

Dan l-artikolu *de quo* pero', imur ferm *oltre* minn dan, u dan senjatament ghaliex:-

a. Johrog car illi d-disinn tar-ras ta' mewt b'zewgt isnieter imsallbin tahtha, b'demm icarcar minn xkubetta minnhom u swaba imcappsin fil-parti fejn gie riprodott l-editorjal, huwa marbut haga wahda mal-artikolu - u dan id-disinn jindika b'mod car mhux il-kacca in generali jew il-kacca illegali, izda specifikament lill-F.K.N.K.;

b. Ghalhekk isegwi illi fejn issir referenza ghal kacca u ghal kaccaturi fl-artikolu innfisu, din tinftihem bhala referenza ghall-F.K.N.K. stess - li ghad li hija federazzjoni tal-kaccaturi, hija kemm-il darba kienet hi stess li kkundannat kull kacca illegali u anke kecciet minn maghha kull min kien membru taghha u nqabad jaghmel dan;

c. *Oltre* dan, l-artikolu jaghmel allegazzjonijiet serji bhal dak tal-attakk kontra r-rizerva naturali tal-Ghadira u fil-*bus stops* fil-Qrendi, b'implikazzjoni li l-F.K.N.K. li jsimha qieghed hekk prominenti fil-*heading* tal-artikolu, ghandha xi responsabbilta` ghal din il-hsara volontarja.

d. Kien hemm, kif imsemmi fil-provi, reazzjoni ta' numru sostanzjali ta' nies illi qies l-artikolu bhala li qieghed jirreferi direttament ghall-F.K.N.K. u jattribwixxi, b'implikazzjoni cara, lilha r-responsabbilta' ghal dan l-incident ikrah.

Ghaldaqstant l-atturi appellanti *in vista* ta' 'l fuq premess, filwaqt illi jaghmlu umili referenza ghal-provi kollha u ghall-atti kollha processwali, u filwaqt illi jirrizervaw umilment illi jipproducu provi ulterjuri skont il-kaz, jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onor. Qorti tal-Magistrati fl-20 ta' Jannar 2009 fl-ismijiet fuq premessi, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat l-inkartament ta' dan il-kaz gie mdahhalt fl-atti ta' din il-kawza fil-25 ta' Frar 2009 (fol. 37)

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut Mark Camilleri datata 24 ta' Marzu 2009 a fol. 39 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Ghalkemm forsi wiehed jista' jaqbel ma l-argument ta' l-atturi *nomine* illi l-kelma *'persuna'*, hekk interpretata fil-**Kap 248** tal-ligijiet ta' Malta, tinkludi wkoll korp ta' persuni, dan ma jfissirx illi l-atturi *nomine* xorta wahda ghandhom interess guridiku ghal dik ir-raguni.

2. Fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Cecil Pace pro et nomine et vs Emanuel Bonello pro et nomine** (24 ta' Settembru 2004) inghad illi:-

*'Huwa risaput li sabiex persuna tirradika d-dritt li tistitwixxi proceduri gudizzjarji konfra terz trid qabel xejn turi l-interess guridiku biex tistiwixxi dik l-azzjoni liema interess irid ikun dirett, legittimu u kif ukoll attwali u jrid johrog minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun misthoqq.'* (Ara wkoll **Joseph Pace vs John Zarb et**, Qorti tal-Appell Inferjuri (dec. 16 ta' Marzu 2005), **U.C.I.M. Company limited v. Nathan Martin** Prim'Awla (dec. 17 ta' Jannar 2001).

3. Jidher car mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna li sabiex wiehed jghid li ghandu nteress guridiku jrridu jezitu tliet elementi bazici, illi l-interess jrid ikun dirett, legitimu u attwali. Minghajr dawn it-tliet elementi bazici ma jista' qatt jkun hemm dritt legittimu ghal kawza. *In oltre* dawn it-tliet elementi jridu jezistu kontemporanment tul il-procedimenti tal-kawza hekk kif kien stabbilit diversi drabi bhal Qorti tal-Prim' Awla f'**U.C.I.M. Company Limited vs Nathan Martin** (dec. 17 ta' Jannar 2001):-

*'... dan il-kejl irid juri tliet elementi, jigifieri jrid ikun (a) guridiku, billi ikun fih ipotesi tal-ezistenza tad-dritt u tal-ksur tieghu; (b) dirett meta jezistu fil-kontestazzjoni jew fil-konsegwenzi taghha u personali fis-sens li jirrigwarda lill-attur; u (c) attwali fis-sens li jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt, fi kliem iehor, il-ksur attwali tal-jedd fil-ligi konsistenti lid-detentur jew li lilu jisthoqq...<u>t-tliet elementi tal-interess imfissra hawn fuq irridu jissussistu lkoll, biex wiehed jista' jghid li jkun radikat tali interess.</u>'*

4. Jista' jinghad li l-aktar element importanti biex ikun hemm interess guridiku huwa l-element personali. **Mattirolo** (Dirtitto Giudiziario, Vol I para. 25) jghid:-

*'Questo interesse deve essere personale e diretto...tranne i casi eccezionali in cui e ammessa l'azione poplare, nessuno e ammesso a stare in giudizio se non per difesa di un interesse proprio, od i una persona che esso legalmente rappresenta.'*

Il-Qrati taghna kemm-il darba sahqu illi biex ikun hemm interess ghar-rimedju mill-Qrati, dan l-interess ghandu jkun personali (ara **Kevin Chircop vs Joseph Chircop** (Prim’Awla, dec. 28 ta' Jannar 2004) u **Agatha Formosa Gauci vs Avukat Dr. Francis Lanfranco et** (Qorti tal-Appell, dec 28 ta' Novembru 2003). Ghaldaqstant, biex l-attur jiggwadanja mid-decizjoni tal-qorti dan irid juri li l-att kommess kien ta' pregudizzju kontrih personali. Kif qalet din l-Onorabbli Qorti f'**Veronique Amato Gauci et. Marco Zammit et** (dec. 19 ta' Mejju 2004):-

*'jekk l-azzjoni ma tkunx kapaci li twassal ghal tali rizultat utili ghal min jipproponiha minhabba fatt sopravvenut ghall-istituzzjoni tal-kawza li jezawrixxi jew jestingwi l-interess dik l-azzjoni ma tistax tregi.'*

5. Jigi umilment sottomess illi f'dan il-kaz jonqos ghal kollox dan l-element personali u dirett. Ghal kuntrarju ta' dak li qed jigi sottomess mill-atturi *nomine*, *'ex facie'* l-ebda imputazzjoni libelluza ma tista' tigi rinfaccjata lill-esponenti ghaliex la l-attur u lanqas il-Federazzjoni rapprezentata minnhomm, ghal fatt nuqqas tal-elementi ta' diffamazzjoni fil-konfront taghhom partikolari, ma huma konfigurati fl-artikolu. Lanqas ma jista' jinghad li tezisiti rabta bejn il-grafika u l-kontenut tal-artikolu.

6. L-editorjal bl-ebda mod ma jaghmel referenza sepcifikament ghall-F.K.NX. izda jaghmel referenza ghal kaccaturi in generali f’Malta. Ghalkemm l-F.K.N.K.. hija federazzjoni tal-kaccaturi dan ma jfissirx illi jekk wiehed jitkellem dwar il-kaccaturi f’Malta jfisser li qed issir referenza specifika ghall-F.K.N.K.

7. L-editorjal tal-konvenut appellat ma kien xejn hlief *'fair comment'* dwar l-espressjoni tal-opinjoni inkwetanti tieghu fuq fatti veri li graw matul dak iz-zmien li kienu kommessi mill-kaccaturi f'pajjizna. F'kull kaz, f'socjeta' demokratika d-dritt tal-espressjoni hu dritt fundamentali tal-bniedem.

8. Ghal kuntrarju ta' dak li qed jsostnu l-atturi appellanti, minn imkien ma jidher mill-provi migjubha minnhom illi 'numru sostanzjali ta' nies' qiesu l-artikolu qed jaghmel

referenza ghall- F.K.N.K. Infatti l-unika xhieda migjuba mis-socjeta` appellanti kienu biss ir-rapprezentanti tal-Federazzjoni. Ma gew prodotti ebda terzi persuni biex jghidu illi huma fehmu lill-istampat jew il-grafika kienu qed jirreferu ghal Federazzjoni attrici. Anke ghal dan il-motiv l-appell ma jisthoqqlux li jkun milqugh.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sciberras tal-24 ta’ April 2009 fejn il-Qorti fic-cirkostanzi ordnat l-kancellament ta’ dan l-appell minn fuq il-lista tal-appelli taghha.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tal-10 ta’ Gunju 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-10 ta’ Gunju 2009 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Lara Dimitrijevich ghall-appellat u Dr. James D’ Agositino ghall-appellant. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta’ Ottubru 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa appell minn sentenza datata 20 ta’ Jannar 2008 fl-ismijiet premessi fejn it-talba tal-atturi *nomine* giet michuda peress li giet milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut fis-sens li l-atturi *nomine* ma ghandhomx interess guridiku sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna u dan peress li l-Qorti rritiniet li l-azzjoni odjerna ta’ libel hija wahda intiza ghall-iskop uniku ta’ risarciment ghal danni morali subiti kif kontemplat mill-**artikolu 28 tal-Kap. 248** u din tispetta unikament persuna individwali offiza u mhux lill-enti guridika, b’dan li gie deciz li enti guridika ma’ tistax taghmel azzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 28 tal-Kap. 248.**

Illi l-appellanti odjerni jsostnu li dan huwa inkorrett peress li tali azzjoni hija miftuha mill-enti morali u/jew guridika kif jirrizulta kemm mill-**artikolu 2 tal-Kap. 248**. u jinghad ukoll li din hija l-interpretazzjoni korretta anke a bazi tal-**artikolu 4 (d) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249**).

Illi l-appellat dwar dan huwa f'diffikolta' ovvja sabiex jiddefendi l-istess linja ta' hsieb indikata fl-istess sentenza tant li jghid li testwalment li *"ghalkemm forsi wiehed jista' jaqbel ma l-argument ta' l-atturi nomine illi l-kelma 'persuna', hekk interpretata fil-**Kap 248** tal-ligijiet ta' Malta, tinkludi wkoll korp ta' persuni, dan ma jfissirx illi l-atturi nomine xorta wahda ghandhom interess guridiku ghal dik ir-raguni".*

Illi din il-Qorti thoss li l-appell fuq din il-bazi mill-appellanti *nomine* huwa ben fondat u dan peress li l-**artikolu 2 tal-Kap. 248** jipprovdi espressament li *"il-kelma "persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalita` guridika distinta sew jekk le".*

Illi fil-fatt dwar is-sinifikat ta' dan il-kliem ma hemm l-ebda dubju u fil-fatt l-interpretazzjoni dwar l-istess hija konsistenti skont il-gurisprudenza nostrali u hawn issir riferenza ghall-kazi **"Anthony Degiovanni et nomine vs Mark Lombardo et"** (A.I.C.) (PS) – 24 ta' Novembru 2003); **"Dr. Henry Antoncich et nomine vs Jeffrey Bezzina nomine"** (A.C. – 25 ta' Mejju 2001); **"Onor. Dr. Eddie Fenech Adami et vs Malta Labour Party et"** (P.A. (GCD) – 11 ta' Mejju 2004); **"Captain Joseph E. Agius nomine vs Joseph Attard Kingswell et noe"** (A.K. (WH) – 7 ta' Mejju 1960); **"Thomas Hedley proprio et nomine vs Emanuel C. Tabone, M.L.A. et"** (A.K. – 30 ta' Mejju 1953) fejn inghad li:-

*"Korp morali jista' jaghmel kawza ta' libel ghal offizi fir-reputazzjoni tieghu; sintendi illi il-korp morali ma jistax "ex natura rerum" jagixxi ghal certi imputazzjonijiet li jista' jagixxi ghalihom individiwu."*

Illi l-istess gie ritenut fil-kawza **“Hon. Mabel Strickland vs J.J. Scorey”** (A.K - 17 ta' Ottubru 1949 - Vol. XXX.III.IV.941), fejn jinghad illi:-

*"Bodies of persons having a corporate personality may sue in respect of any injury caused by a defamation to their corporate or collective reputation; and the individuals composing any such body or persons may jointly maintain such an action. Moreover, if the defamation causes an injury to the individuals concerned as natural persons, apart from and independently of their corporate or collective interest then they are entitled to sue also personally, either in the same or in a separate action"*

Illi konformament ma’ dan, fis-sentenza fl-ismijiet **“Victor Denaro noe vs Avukat Dottor Anton Buttigieg noe”** (P.A. - 30 ta' Mejju 1963), din il-Qorti sabet htija meta gie ritenut illi:-

*"...Kif inghad aktar 'il fuq, l-artikolu in kwistjoni huwa libelluz, ghaliex jilledi l-unur u l-fama tad-ditta attrici, u jesponiha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku...".*

Illi s-sentenzi fuq citati huma kollha konformi ma’ dan u fil-fatt l-istess **Gatley *“On Libel and Slander”*** gja fis-sena 1933 sostna li *“a trading corporation or company has a trading character, the defamation of which may ruin it. It can maintain an action of libel and slander for any words which are calculated to injure its reputation in the way of its trade or business”.* L-istess gie ritenut fis-sentenza **“Medigrain Limited et vs Carmel Demicoli et”** (P.A. (RCP) – 8 ta’ Novembru 2000) u **“Carmel Tonna et noe vs Felix Agius et”** (A.C - 27 ta' Mejju 1992) estensivament citata mill-appellanti u li ghaliha qed issir riferenza.

Illi jinghad ukoll li jekk din il-Qorti thares lejn l-**artikolu 4 (d) tal-Kap. 248** – **Att dwar l-Interpretazzjoni** – *“jinghad li l-espressjoni "persuna" tinkludi korp jew ghaqda ohra ta' persuni sew jekk dak il-korp jew dik l-ghaqda jkunu persuna guridika, skont id-disposizzjonijiet tat-Tieni Skeda tal-Kodici Civili, sew jekk le."* Dan ma jhalli l-ebda dubju li

dan l-aggravju ghandu u qed jigi milqugh u dan peress li jirrizulta li il-Federazzjoni Kaccaturi Nassaba Konservazjonisti ghandha d-dritt li taghmel din il-kawza.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li fid-decizjoni moghtija din kienet il-bazi ghaliex l-istess Qorti rriteniet li l-atturi ma ghandhomx interess guridiku, izda la darba qed jinghad li enti morali ghandha dritt taghmel l-azzjoni ta' libel mela allura certament li l-istess sentenza ma tistax tigi ikkonfermata b'dan li tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, proprju ghaliex din l-eccezzjoni ghandha u qed tigi michuda. F'dan il-kuntest ukoll ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh.

Illi jinghad li l-appellat odjern jitkellem fir-risposta tieghu dwar in-nuqqas ta' interess guridiku tal-atturi *nomine* u dan jidher li qed jaghmlu  b'mod distint u distakkat mill-argument li ente morali ma setghatx taghmel kawza ta' libel u ghad-danni a bazi tal-**artikolu 28 tal-Kap. 248.** Illi izda la darba jirrizulta li l-ente morali, f'dan il-kaz il-Federazzjoni Nassaba Konservazzjonjonisti, ghandha dritt taghmel din l-azzjoni, u hija enti indipendenti anke mill-membri taghha, hija certament li ghandha interess guridiku necessarju sabiex taghmel din l-azzjoni u dwar dan din il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li inghad fuq l-istess fil-kawza fl-ismijiet **"Lawrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti A & C.E."** (P.A. (A.M) – 8 ta' Novembru 1957) fejn inghad li l-interess biex wiehed jagixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, b'mod li ghandu jkun guridiku korrispondenti ghall-lezzjoni ta' veru dritt, b'dan li l-kawza li tkun ittentata tkun tista' tipproduci rizultanzi utili u vantaggjuzi u f'din in-natura ta' kawza u kif saret it-talba ma hemm l-ebda dubju li l-istess interess guridiku jezisti kollu kemm hu mill-enti attrici.

Illi fuq l-istess binarju hija s-sentenza fl-ismijiet **"Veronique Amato Gauci et. Marco Zammit et"** (19 ta' Mejju 2004):-

*"jekk l-azzjoni ma tkunx kapaci li twassal ghal tali rizultat utili ghal min jipproponiha minhabba fatt sopravvenut*

*ghall-istituzzjoni tal-kawza li jezawrixxi jew jestingwi l-interess dik l-azzjoni ma tistax tregi".*

Illi f'dan il-kaz ma hemmx dubju li  l-azzjoni attrici tista' twassal ghar-rizultat utili ghall-atturi *nomine* jekk dak minnhom allegat jigi ppruvat u certament dan jaqa' kollu kemm huwa fil-parametri tal-ligi.

Illi dwar l-aggravji l-ohra din il-Qorti tinnota li dawn jittrattaw dwar il-mertu, li l-Ewwel Qorti ma dahlitx fih u lanqas gie deciz, u dan ghaliex l-istess Qorti kienet laqghet l-ewwel eccezzjoni. Ghalhekk l-ezami tal-mertu tal-azzjoni attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut fuq il-mertu ghandu jsir l-ewwel mill-Qorti tal-Prim Istanza u mhux minn din il-Qorti, u ghalhekk sabiex isir l-istess stharrig tal-kawza qed jigu rimandati l-atti lill-Ewwel Qorti, sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz il-kaz jigi trattat u deciz skont il-ligi mill-istess Qorti.

**<u>III.   KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li **tilqa' l-appell tal-appellanti fis-sens hawn deciz** u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi datata 20 ta' Jannar 2009 fejn din sabet li l-atturi *nomine* ma ghandhomx interess guridiku sabiex jippromwovu l-azzjoni odjerna, b' dan li l-atti qed jigu rinvjati lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tiddetermina u tiddeciedi t-talba tal-atturi *nomine* u ta' l-eccezzjoni ghaliha fil-mertu.

Bl-ispejjez s'issa inkorsi taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenut appellat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------